2 ta' Ottubru, 1941.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Tommaso Bugeja et. *versus* Marietta Tonna

**Imgħax — Kapitalizzazzjoni.**

*L-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet skaduti jistgħu jiġu kapitalizzati, jiġifieri kostitwiti f'kapital li jipproduċi interessi, purkè l-interessi skaduti jkunu dovuti għal żmien mhux anqas minn sena. Fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, ir-rata ta' l-interessi fuq l-interessi*

*hekk kapitalizzati għandha tkun dik legali tal-ħamsa fil-mija, u mhux dik ta' l-interessi hekk kapitalizzati.*

Il-Qorti — Rat ċ-ċitazzjoni numru 89 tas-17 ta' Frar 1944, li biha l-atturi, wara li qalu li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tad-29 ta' Mejju 1939 l-attur Tommaso Bugeja u l-imsemmi Giuseppe Saliba, illum mejjet, silfu fi kwota ugwali bejnithom lill-konvenuta s-somma ta' £1200, li l-konvenuta obligat ruħha li tirrestitwixxi u tħallas lilhom wara sentejn "di fermo" mid-data tal-kuntratt, bil-fakoltà li tkun tista' testendi dana t-terminu għal sentejn oħra, u kellha tikkorrispondi l-imgħax ta' l-4½% fis-sena sar-restituzzjoni effettiva; u wara li qalu wkoll illi l-istess konvenuta baqgħet debitriċi versu lejhom fis-somma ta' £216 għall-imgħax fuq l-imsemmija somma ta' £1200 mit-28 ta' Novembru 1939 sas-27 ta' Novembru 1943, salvi l-imgħaxijiet ulterjuri u l-kapital kollu lilha misluf; talbu illi l-imsemmija somma ta' £216 tiġi kapitalizzata, u l-konvenuta tiġi kundannata tħallas fuq dik issomma l-imgħax tal-5% fis-sena mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju 1942;

*Omissis;*

**Tikkunsidra;**

Illi, kif jirriżulta mill-verbal tad-9 ta' Mejju 1944 (fol. 7), l-unika kontestazzjoni li hemm hija dik li tirrigwarda t-tass ta' l-interessi. L-attur irid illi l-imgħaxijiet li jitħallsu fuq issomma ta' l-interessi skaduti, li għandha tiġi kapitalizzata, jkunu tal-5% fis-sena, mentri l-konvenuta tippretendi li r-rata ta' dawn l-interessi għandha tkun l-istess rata ta' dawk li għandhom jiġu kapitalizzati kif fissata fil-kuntratt fuq imsemmi, jiġifieri bir-rata tal-4½% fis-sena;

Illi l-pretensjoni tal-konvenuta ma tistax tiġi milqugħa. Infatti t-talba ta' l-attur hija bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 848 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, illi l-interessi skaduti jipproduċu interessi oħra'n, sija in forza tad-dispożizzjonijiet preċedenti mill-jum tat-talba ġudizzjaria, sija b'konvenzjoni li ssir wara l-iskadenza ta' dawk l-interessi, purkè, f'kull każ, l-interessi jkunu dovuti għal żmien mhux anqas minn sena;

Illi għalhekk fil-każ preżenti, fejn ma hemmx ftehim imma talba ġudizzjarja, għaliex f'każ ta' ftehim il-partijiet natu-

ralment huma liberi li jirregolaw skond il-ftehim tagħhom ir-rata ta' l-interessi, purkè ma jeċċedux il-limiti permess mill-liġi, u l-jum li minnu għandhom jibdew jiddekorru, l-interessi fuq l-interessi għandhom ikunu tal-5%, billi l-obligazzjoni ma tidderivax minn konvenzjoni ta' natura kummerċjali; għaliex skond l-imsemmijin artikoli li jippreċedu l-artikolu 848 (art. 845, 846 u 847), li in forza tagħhom f'dan il-każ l-interessi skaduti jipproduċu l-interessi, l-interessi li għandhom jitħallsu bħala danni derivanti mid-dewmien fl-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni ta' ħlas ta' somma determinata huma tal-5% fis-sena; u jekk l-obligazzjoni tidderiva minn konvenzjoni ta' natura kummerċjali, tas-6%. Liema interessi huma dovuti mingħajr bżonn ta' ġustifikazzjoni ta' telf mill-jum li fih kellha tkun ademipjuta l-obligazzjoni, jekk ta' natura kummerċjali, jew jekk il-liġi tiddikjara li għandhom jiddekorru "ipso jure", u f'każijiet oħra mill-jum ta' l-interpellazzjoni b'att ġudizzjarju, anki jekk il-konvenzjoni tistabbilixxi żmien għall-adempiment ta' l-obligazzjoni;

Illi għaldaqstant ir-rata ta' l-interessi li għandha tħallas il-konvenuta fuq is-somma ta' l-interessi skaduti, ammontanti għal £216, hija ta' 5% fis-sena, skond l-imsemmijin artikoli 848 u 845 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija; u dawk l-interessi għandhom jiddekorru mill-jum taċ-ċitazzjoni, skond dak li jingħad fl-art. 848 u 847, tieni paragrafu, ta' l-istess Ordinanza;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż.